**53. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Billi, skont ir-Regolament Numru 2 tar-Regolamenti ta' Proċedura tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (PA-UfM), l-Assemblea għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parlament tal-pajjiżi msieħba fil-Proċess ta' Barċellona liema rappreżentanti għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-istess Regolamenti ta' Proċedura jistabbilixxu li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta f'din l-Assemblea għandhom ikunu tlieta, u li jista' jkollhom tliet sostituti għalihom;

Hu għalhekk riżolut illi l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha:

l-Onor. Francesca Zarb – Kap tad-Delegazzjoni;
l-Onor. Mariah Meli; u
l-Onor. Toni Bezzina;

illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

l-Onor. Yana Borg Debono Grech; u
l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata De Noto.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull rappreżentant u ta' kull sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-rappreżentanti u sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

**22.07.2026**